# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 9/2017

10 t'Awwissu 2017

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fit:5:30 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Carlo Stivala | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsillier |
| Publio Abdilla | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Minuti:

9.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' Apoloġija.

9.2 Elezzjoni Każwali - Ħatra tal-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla

Kienet mistiedna n-Nutara s-Sinjura Mary Camilleri Cutajar sabiex il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla jieħu l-Ġurament tal-Ħatra tiegħu wara l-elezzjoni Każwali li saret nhar it-Tnejn 24 ta' Lulju 2017.

Is-Sindku aċċena illi l-Kunsillier ġdid s-Sur Publio Abdilla mhuwiex wiċċ ġdid fil-Kunsill u f'isem il-Kunsill jawgura l-ħidma t-tajba għall-kumplament tal-leġislatura. Is-Sindku qal ukoll illi s-Sur Publio Abdilla għandu jżomm id-dekasteri illi kellu l-Kunsillier Pietru Pawl Busuttil cioe' is-Saħħa u s-Sigurta' u Ġonna u Tisbiegħ.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla aċċetta u talab update ta' x'sar s'issa f'dawn iż-żewġ oqsma. Is-Sindku assikura illi aktar il-quddiem kellu jagħti update fuq il-kuntratt re Soft Areas.

9.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

9.3.1 Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew appovati u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

9.3.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi ref punt 8.4.3 peress illi kien hemm il-ħsieb illi jinqalgħu s-siġar minn Gnien Dun Karm Vella ma kienx hemm sens illi nħawlu s-siġar hemm, għalhekk din il-kwistjoni għandna nħalluha pendenti għalissa.

9.3.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet ukoll illi ref punt 8.4.4 il-murial ser ikun mal-ħajt tal-bandli kollu u li ser ikun abbinat man-natura.

9.3.4 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi ref punt 8.5.1, il-Kunsill kien irċieva konferma illi l-Kunsill taż-Żurrieq kien qabel mal-proposti u mal-kontenut tal-ittra li konna bgħatnilhom.

9.3.5 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll illi waqt il-Music Fest (ref punt 8.3.2) peress illi din l-attivita' għandha mnejn tkun qed tattira anki ukoll iż-żagħżagħ, allura tajjeb nipruvaw nibdew nintroduċu il-proġett li għandna tal-Structured Dialogue.

9.3.6 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla saqsiet jekk kienx hemm xi update rigward ref punt 8.4.5. Is-Sindku qal illi issa t-talba tal-għaqda tan-Nursery tal-Kunsill ma Zurrieq Football Club kienet għaddiet minn naħa tad-Dipartiment u konna qiegħdin nistennew biss il-firma tal-Ministru. Is-Sindku qal ukoll li għandna niltaqgħu sabiex niffermaw il-kuntratt.

9.3.7 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi jekk ref punt 8.10 li tirrigwardja l-Bankina fi Triq il-Menqa, din jekk inhi ta' periklu għandha tiġi rranġata, pero wara diskussjoni fuq il-bankina u l-bankini kollha tar-raħal il-Kunsill ma qabilx li l-bankina hija perikoluża u ma qabilx illi għandna nirrangawha.

9.3.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla saqsa rigward ref punt 8.8 x'inhuma l-affarijiet iż-żgħar li konna ser nirranġaw fi Ġnien ta' Ball. Is-Sindku qal illi Ġnien ta' Ball jinsab f'telqa u li hemm ħafna xogħolijiet x'isiru. Is-Sindku spjega illi hemm xi xogħolijiet fosthom il-passaġġ u li naqilgħu s-siġar il-mejta illi m'għandnix bżonn ta' ħafa finanzi sabiex nagħmluhom.

9.3.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla saqsa ref 8.3.1 rigward ir-reklam tal-ħarġa ta' Kemmuna x'jfisser li l-ħarġa hija ssissudjata. Is-Sindku qal illi peress li nmorru bħala grupp il-prezz li jitolbuna jkun anqas minn meta wieħed imur waħdu.

9.3.10 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla saqsa ukoll ref punt 8.3.1 x'ifisser li t-triq tiġi distibutorja. Is-Sindku fisser illi hekk kif tkun lesta Triq il-Kuċċard jagħmel sens illi din tiġi distibutorja għaliex tkun it-triq li tkun qiegħda tgħaqqad Ħal Safi maż-Żurrieq u hekk ikollna l-vantaġġ illi l-maintenance tagħħa jsir minn Transport Malta.

9.3.11 Il-Viċi sindku saqsa ref Punt 8.3.1 jekk Triq il-Kuċċard għadiex ser iddur mal-qabar skond l-aħħar pjanta għaliex jidher mil-livell imwitti illi t-triq ser togħla. Is-Sindku qal li skond l-aħħar komunikazzjoni li kellu ma Transport Malta it-Triq kellha ddur mal-qabar u għalhekk kien hemm qbil sabiex nivverifikaw sabiex inkunu ċerti.

9.3.12 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla saqsa fuq il-problema ref punt 8.3.6. Is-Sindku spjega illi kienet problema ta' parking fil-kantuniera tal-isqaq għalhekk ikun problema sabiex sid garaxx idaħħal l-karozza. Hawn il-Kunsill qabel illi għandna problema fl-isqaqin pero' din il-problema għandha tkun diskussa aktar il-quddiem fil-laqgħa.

9.3.13 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 8.9 ma jistax jifhem għala l-Kunsill ma qabilx illi Triq il-Kuċċard tissemma' għal Kunsillier Pietru Pawl Busuttil. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal ukoll illi l-Kunsillier Pietru Pawl Busuttil kien tant popolari u maħbub illi għal funeral tiegħu attendew ħafna nies fosthom dinjitarji. Saret diskussjoni u għalkemm il-Kunsill qiegħed jaqbel illi għandna nsemmu Triq għal memorja ta' Pietru Pawl Busutil ma kinx hemm qbil illi din għandha tkun Triq il-Kuċċard u qabel ukoll illi għandha ssir diskussjoni aktar profonda.

9.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

9.4.1 Is-Sindku qal illi konna bgħatna t-termination letter lil kuntrattur tas-Soft Areas u li x-xahar t'Awwissu kien qiegħed jaħdem in-notice. Is-Sindku qal ukoll illi sakemm noħorġu tender ġdid kien kellem lil Ronnie Barber sabiex isaqqi huwa.

9.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

9.5.1 Il-Kunsiliera s-Sinjorina Joanna Abdilla saqsiet x'kienet l-email li tirrigwardja id-Dimentia. Id-deputat Segretarju qalet illi kienet fuq course qasir offrut mill-Universita' ta' Malta rigward Dimentia.

9.5.2 Is-Sindku qal ukoll illi rigward l-Email mr-Reġjun Nofsinhar ref 51/272, is-Sindku spjega illi kienet inizjattiva tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn 500,000 Euro kienu ser jingħataw għal ħames Reġjuni. Bħala Reġjun Nofsinhar kien hemm 100,000 Euro u kien deċiż illi dawn jiġu maqsuma ugwalment bejn il-Kunsilli kollha fir-

Reġjn, u li il-Kunsill tagħna kien reġa' tefa' l-applikazzjoni tiegħu fuq Triq San Tumas.

9.6 Rapporti - Approvazzjoni tat-Tieni Kwart tal-Financial Statements 2017

9.6.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv rreferiet għar-Rapport Finanzjarju li tqassam qabel is-seduta. Hija spjegat illi d-dħul tal-Kunsill kien skond l-Estimi Finanzjarji u li għalkemm s'issa jidher illi qiegħdin b'surplus ta' 20,303 Euros minħabba illi għandna pjanat li nagħmlu l-proġett tal-bandli żgur li ser ikollna defecit fl-aħħar tas-sena.

Il-Kunsilliera s-Sur Joanna Abdilla ġiet skużata fil-18.47

Id-Deputat Segretarju spjegat illi l-istima tal-bandli kibret ħafna pero bil-flus li kellna mill-UIF Funds, 10,000 Euros imwegħdin mill-MIP, u li kellna nirkupraw mir-Reġjuni d-defecit fl-aħħar tas-sena m'għandux ikun kbir ħafna.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla daħlet lura għal-laqgħa 18.50

Wara aktar diskussjoni, ir-Rendikont Finanzjarju ġie approvat.

Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala ġie skużat mil-laqgħa 18.52

9.7 L-Ex Segretarju s-Sur Jason Cutajar

9.7.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien irċieva e-mail mingħand l-Ex Segretarju s-Sur Jason Cutajar. Hija qrat l-e-mail li kienet qiegħda titlob sabiex l-Ipotetika Ġenerali li kellu l-qorti minħabba l-każ li kellu mal-Kunsill, tiġi relaxxata. Is-Sindku qal illi s-Sur Jason Cutajar qatt qabel ma kien għamel din it-talba. Il-Kunsill qabel illi għandna nagħmlu l-arranġamenti meħtieġa sabiex din tiġi relaxxata.

9.8 Festa

Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala reġa' daħal għal-laqgħa 18.57

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi peress li konna ħadna d-deċiżjoni fuq l-ex Segretarju s-Sur Jason Cutajar aħjar illi nerġgħu ngħadduha minħabba illi il-Kunsillier Carlo Stivala ma kienx preżenti. Is-Sindku spjega bit-talba li kien għamel l-ex Segretarju, u l-Kunsillier s-Sur Carlo Stivala qabel ukoll illi l-Ipotetika Ġenerali tiġi relaxxata.

9.8.1 Saret diskussjoni fuq il-Festa u sar qbil illi għandna nordnaw 2 mobile toilets li ser nqegħduhom fl-isqaq quddiem l-għassa tal-pulizija, 4 wardens fi Triq l-Iskola u 4 bins on wheels, pero' fejn ser jitqiegħda għandna naraw fuq il-post. Sar qbil ukoll illi għandna nagħmlu t-tabella 'Safi Centre Closed' aktar kbira għaliex li għandna ma tidhirx.

9.9 Korrispondenza

9.9.1 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qalet illi l-Kunsill irċieva referenza minng tabib illi tgħid illi s-Sur Ignazjio Schembri għandu kundizzjoni u għalhekk għandu bżonn access għal Sqaq Santa Marija aktar faċli. Il-Kunsill qabel illi f'dan l- isqaq hemm diġa access loading/unloading u li huwa għandu parkeġġ għal karozza riservata għalih barra mill-isqaq. Il-Kunsill ma qabilx illi għandna nneħħu il-bollard li hemm fl-isqaq pero' il-Kunsill qabel illi għandna nagħmluha ta' materjal eħfef sabiex ma tkunx tqila meta tiġi biex titneħħa.

Saret ukoll referenza għal sqaq San Mikiel, il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi rċiviet ilmenti għaliex qed ikun hemm il-karozzi pparkjati f'dan l-isqaq. Is-Sindku pero' qal jekk iridu li ħadd ma jipparkja f'dan l-isqaq għandha issir petition bil-miktub u ffirmata minn maġġoranza, mbagħad tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla ġie skużat mil-laqgħa fil-19.18.

9.9.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill irċieva e-mail mingħand it-tabib Gauċi minħabba l-aċċidenti li qed isiru fi Triq iż-Żurrieq fejn joqgħod hu. F'din l-e-mail it-tabib Gauċi qiegħed jitlob sabiex issir sleeping police eżatt qabel l-STOP sign li hemm fit-tarf ta' Triq L-Iskola. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel illi għandna nagħmlu sleeping police wara li nkunu ddiskutejna mas-sidien tad-djar li hemm f'tarf tat-triq u l-approval minn Transport Malta.

9.9.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi xtaqet tfaakar lil kunsilliera fuq l-inizzjattiva' MCCF u min hu nteresst għandu javviċinha.

9.9.4 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll illi l-Kunsill kien irċieva talba mingħand Transport Malta jekk l-Kunsill isibx oġġezzjoni illi jsir Keep Clear Bay quddiem id-dar Cova D'Iria fi Triq Qerd in-Nahal. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

9.9.5 Is-Sindku qal illi għandna bżonn First Aid Box għal użu tan-Nursery. Il-Kunsill qabel.

9.9.6 Is-Sindku qal illi qiegħed iressaq talba sabiex nixtru A.C. ieħor għas-sala, il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

9.9.7 Is-Sindku qal illi s-Superjur tal-Muzew talab sabiex waqt il-water games li jsiru fil-muzew, il-Kunsill jiprovdi xi medalji għat-tfal. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

9.9.8 Is-sindku qal illi l-Kappillan talab sabiex il-Kunsill igħinu sabiex inaddaf wara ċ-ċimiterju billi niprovdu xi skips. Il-Kunsill qabel illi għandna ngħinuh xi ħaġa żgħira.

9.9.9 Is-Sindku qal illi persuna illi fejn għandu r-razzett minn ikun tiela' minn Triq il-Karwija qiegħed idur bis-saħħa fuqu u allura talab sleeping policeman. Il-Kunsill ma qabilx illi għandna nagħmlu Sleeping Police f'dan il-post.

9.9.10 Il-Viċi Sindku qal illi d-dustbins tar-raħal mhux qed jitbattlu u għandna nkellmu lil Cedric sabiex jibdew jiġu mbattla. Il-Viċi Sindku qal ukoll illi qiegħed isir

vandaliżmu fi Gnien 31 ta' Marzu. Is-Sindku qal illi diġa ordnajna l-fanal u l-bozoz maqtugħin.

9.9.11 Il-Viċi Sindku qal illi l-inspections boxes fl-area tal-Ħlantun għadhom ma ssewwewx . Is-Sindku qal illi kien kellem lil Karmenu li ser jagħmel xi flat bars sabiex isaħħaħhom.

9.9.12 Il-Viċi Sindku qal ukoll illi x-xibka tal-grawnd reġgħet tqettgħet. Is-Sindku qal illi kien qabbad lil Joe sabiex terġa' tissewwa

9.3.13 Il-Viċi Sindku qal illi l-ġurnata ta' qabel kien ra bniedem ta' nazzjonalita' barrarija għaddej bil-garbage bag u tefagħha fejn il-bring in sites. Is-Sindku qal illi din hija problema nazzjonali u n-nies sfortunatament jitgħallmu biss bl-infurzar.

9.9.14 Il-Viċi Sindku qal ukoll illi fi Triq il-Ħajt Ruman kien hemm xi karozzi pparkjati, waħda bla liċenzja maħbutin u oħra mingħajr number plate li qed jagħtu dehra ta' scrap jard lit-triq. Is-Sindku qal illi għandna ninfurmaw lil pulizija.

9.9.15 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi ħdejn il-Kunsill kien hemm żewġ ġebliet il-barra. Is-Sindku qal illi diga' kienu rranġati.

9.9.16 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet ukoll illi fi Triq San Tumas qiegħdin jitfgħu l-garbage bags fuq iċ-ċint ta' fuq il-bank. Il-Kunsillier s-Sur Carlo Stivala qal illi l-post huwa maħmuġ ħafna. Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet ukoll illi għandna l-istess problema tal-garbage fi Triq San Pawl kantuniera ma Triq il-Puniċi.

9.9.17 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi t-telephone box fi Triq Dun Karm Vella żgangata u għandha titneħħa.

9.9.18 Il-Kunsillier s-Sur Carlo Stivala qal illi kien attenda l-Awards ta' Greek Pak u ssuġerixxa illi għandna nagħmlu promotion akbar x'nagħmlu favur l-indafa u l-ambjent.

9.9.19 Il-Kunsillier s-Sur Carlo Stivala qal ukoll illi ta' Gawhar fejn għamilna ċ-ċint għandha titnaddaf għaliex hekk kif jaraw l-imbarazz in-nies jaqbdu jwaddbu u tiġi miżbla.

9.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

9.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit.8.33pm. Laqgħa li jmiss ser tkun it-Tlieta 5 ta' Settembru 2017 fil-5.30 pm

| | |
|---|---|
| Johan Mula<br>Sindku | Doris Baldacchino<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |